QALA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

## IS-SEBA` LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 35

Il-Hamis 21 ta' Gunju 2018

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-7:00 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Jesmond Borg – Vici Sindku
Paul Buttigieg - Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Sammy Curmi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

## 35.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

35.1.1 Ma kien hemm ebda ittri tal-apologiji.

## 35.2 Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp f'Hondoq ir-Rummien bin-numri PA/00937/17 u PA/05592/17.

35.2.1 Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp f'Hondoq ir-Rummien bin-numri PA/00937/17 u PA/05592/17 qeghdin nehoduha *lightly.* Huwa semma li applikazzjoni PA/05592/17 xi hmistax ilu giet approvatha. Huwa semma li fuq din l-applikazzjoni bhala Kunsill kull ma nafu huwa li waqt laqgha tal-Kunsill gie diskuss li fl-applikazzjoni hemm inkluz li ser issir kamra ghall-haddiema tal-Kunsill u daqshekk. Huwa qal li jispera li ma jfissirx li bhala Kunsill ma nistghu nitkellmu jew nissuggerixxu xejn peress li issa ghax ser jaghmlulna din il-kamra b'hekk in-nies tal-Qala hadu xi haga. Is-Sindku semma li meta huwa kien il-Vici Sindku, huwa flimkien mas-Sindku ta' dak iz-zmien Clint Camilleri attendew laqgha mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u Clint Camilleri kien talab din kamra. Il-Kunsillier Paul Buttigieg qal lis-Sindku li hekk qed jghid; li fuq din il-kamra biss tkellimna waqt il-laqgha tal-Kunsill u xejn izjed.

35.2.2 Il-Kunsillier Paul Buttigieg zied jghid ukoll li r-rapport li hareg mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma ma ntbghatx lill-esperti tal-Kunsill u li suppost li l-Kunsill jiltaqgha mal-esperti qabel il-laqgha li jkun ser ikollu mal-Korporazzjoni bhal ma dejjem sar f'progetti ohra proposti f'din il-bajja. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-mod ta' kif qed isiru l-affarijiet mhux sew. Ahna qeghdin hawn suppost ghan-nies tal-Qala. Is-Sindku semma li huwa kien bghat ittra lill-esperti fil-21 ta' Lulju 2017 fejn semma li l-Kunsill ser iqabbad lilhom. Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa lis-Sindku ghaliex huwa bhala Sindku ma riedx li jsir EIA, ghax bhala Kunsill kemm messu dan intalab u gie obligat li jsir bhal ma ntalab li jsir f'progetti ohra proposti f'Hondoq ir-Rummien. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li skond il-ligi meta jsir tqattieh taht il-bahar, dejjem suppost jsir EIA.

35.2.3 Is-Sindku semma li l-Kunsill ghandu jiltaqa mal-esperti dak il-hin ftit qabel il-laqgha mal-Korporazzjoni. Gie diskuss illi jekk isir laqgha mal-esperti ftit qabel ma jkunx sew peress li jkunu ghadhom ma lestewx ir-rapporti taghhom. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li ghandha jsir laqgha mal-esperti gurnata qabel. Gie diskuss li xorta tkun *too short* biex imbaghad il-Kunsill jiltaqa` mal-Korporazzjoni u mal-Awtorita` u ghalhekk gie deciz li l-laqgha ghandha tkun posposta ghal darba ohra, sabiex l-esperti jilhqu jaraw u jevalwaw ir-rapport tal-Korporazzjoni, jippreparaw ir-rapporti taghhom dwar x'jahsbu fuqu, l-Kunsill jiltaqgha mal-esperti, imbaghad wara jsir laqgha mal-Korporazzjoni u mal-Awtorita`. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li huwa mhux kontra l-progett izda jridu nharsu l-interessi tan-nies tal-Qala.

35.2.4 Ghalhekk gie deciz li tintbghat ittra lill-Korporazzjoni ghas-servizzi tal-ilma sabiex tigi posposta l-laqgha peress li r-rapporti li qed jigu ppreparati mill-esperti mqabbda mill-Kunsill ghadhom m'humiex lesti u dan ghaliex ir-rapport tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma milux li hareg u ntbghat lill-Kunsill. U ghalhekk malli l-Kunsill ikollu r-rapporti f'idejh, jiltaqa` mal-Awtorita` kif ukoll mal-Korporazzjoni separatament u li l-Kunsill jiskuzaw ruhu.

Il-Vici Sindku Jesmond Borg semma li jrid jiccara xi affarijiet. Huwa semma li huwa qatt ma qal li ma jridx jghin lill-ghaqdiet tar-rahal u li qed jinghad li huwa ma qabilx li l-Kunsill jghinhom fl-attivitajiet li jigu organizzati. Huwa qal li kull ma qal fl-*email* li ghaddiet bejn il-membri tal-Kunsill hija li biex jigu mitluba l-istimi sabiex il-Kunsill ma jigix fl-inkwiet. Is-Sindku Paul Buttigieg semma li jista` jaghti *direct order*. Is-Segretarja Ezekuttiv gibdiet l-attenzjoni tal-Kunsill li issa *direct order* xorta wahda jridu jintalbu tlett stimi bil-miktub.

Il-Vici Sindku Jesmond Borg semma li Joseph Buttigieg haddiem assenjat mal-Kunsill li kien involut fl-incident tal-*grass cutter,* informah li s-Sindku Paul Buttigieg qed jghid li l-Vici Sindku qed jimla lill-Joseph Buttigieg kontrieh (jigifieri kontra s-Sindku). Il-Vici Sindku zied jghid li dan mhux minnu. Is-Sindku semma li dritt wara l-incident Joseph Buttigieg qallu li l-Vici Sindku kien qal lill-istess Joseph Buttigieg sabiex ifittix lis-Sindku ghad-danni kif ukoll li l-Vici Sindku mar il-qorti sabiex jara c-*charges* fuq is-Sindku dwar il-kawza tal-qorti li ghandu l-Kunsill dwar dan l-istess incident. Il-Vici Sindku semma li ghandu kull dritt li jaghmel dan ghax fl-ahhar mill-ahhar il-kawza hija kontra l-Kunsill. Is-Sindku u l-Vici Sindku bdew jargumentaw bejniethom u ghalhekk il-laqgha ntemmet.

## 35.3 Tmiem il-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

35.3.1 Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija.

Konfermati, illum 4 ta' Settembru 2018.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |